MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2006

Appell Civili Numru. 1107/2003/1

**Adelina Mercieca f'isimha proprju kif ukoll bhala kuratrici ta' binha minuri Lenyx Mercieca**

**v.**

**Claudia Zerafa u Charmel Pace**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

**1.** Dan hu appell minn sentenza in parte tal-Prim Awla tal-Qorti Civili li ddecidiet dwar ir-responsabbilta` fir-rigward ta' incident li sehh nhar il-15 ta' April 2003 f'Marina Street,

il-Pieta`, quddiem il-hanut bl-isem “Sphinx Pastizzeria”. Bazikament l-incident sehh meta l-attrici marret, bit-tarbija taghha li kien fil-*pushchair*, biex toqghod tkellem lil Zerafa. Din Zerafa kienet *salesgirl* f’hanut zghir ibiegh il-pastizzi, pizez ecc. Fuq quddiem tal-hanut kien hemm *moveable display counter* li gewwa fih ikollu *warmer* mimli bil-mishun biex izomm l-oggetti esposti shan. Biex l-attrici tidhol fil-hanut, Zerafa marret biex iccaqlaq id-*display counter*. Hi u taghmel din il-manuvra, rota ta’ dan il-*counter* qabzet ix-xifer li jifred il-hanut mill-bankina, Zerafa tilfet il-kontroll ta’ l-istess *counter*, u dan gheleb u ftit mill-mishun li kien hemm gewwa fih laqat lit-tarbija li nstamtet. L-attrici qed tfittex kemm lil Zerafa kif ukoll lill-persuna li kienet tiggestixxi l-hanut (Charmel Pace) ghad-danni sofferti minnha u mit-tifel. Kemm Zerafa (fol. 14) kif ukoll Pace (fol. 18) jichdu, fin-noti ta’ eccezzjonijiet rispettivi taghhom, kwalsiasi responsabbilta` ghall-akkadut.

**2.** Wara li l-ewwel Qorti semghet diversi provi, fl-udjenza tal-14 ta’ Novembru 2005, gie maqbul bejn il-partijiet li dik il-Qorti tiddetermina l-ewwel il-kwistjoni tar-responsabbilta`.

## Is-sentenza appellata

**3.** B’sentenza moghtija fit-30 ta’ Jannar 2006, dik il-Qorti ddecidiet li kemm l-attrici kif ukoll il-konvenuta Zerafa kienu responsabbli, it-tnejn indaqs, ghall-incident li fih wegga’ Lenyx; u lliberat lil Charmel Pace mill-osservanza tal-gudizzju billi ma kien jirrizulta li kellu ebda responsabbilta` ghall-incident *de quo*. Dik il-Qorti waslet ghall-konkluzjonijiet taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“L-attrici xehdet li l-konvenuta Claudia Zerafa stednitha biex tidhol hdejha fil-hanut tal-pastizzi. Kien hemm counter fil-hanut (bil-warmer biex il-pastizzi u l-pizzez jibqghu shan) li kien ezatt mal-bankina tat-Triq Marina, Pieta. Il-konvenuta bdiet tressaq il-warmer (counter) biex l-attrici tkun tista tidhol bil-pram. Dak il-hin li l-konvenuta bdiet tressaq il-counter hi kienet qed titkellem ma’ wiehed li gie jistaqsiha ghall pastizzi u ghelbet il-warmer u minn

rota wahda hareg mishun mill-warmer li gie fuq it-tifel ta' l-attrici li kien marbut gol pram u nstamat. Il-konvenuta kienet ippruvat izzomm il-counter (warmer) izda ma felhitux u l-counter waqa' fuq il bankina, inkissret il-hgiega u l-pastizzi spiccaw ma l-art fuq il-bankina. Dak il-hin l-attrici kienet magemb it-tifel fuq il-bankina u daret biex tressaq il-pram. Kien hemm okkazzjonijiet ohra meta hi dahlet bil-puschair b'kollox wara l-counter u l-konvenuta kellha ccaqlaq il-counter u kien hemm okkazzjonijiet meta zammet il-baby f'idejha u ghalqet il-pram u dahlet fil-hanut.

“Claudia Zerafa xehdet li l-attrici kienet habiba kbira taghha u din kienet tmur regolarment hdejha fil-hanut ghallkemm kienet tghidilha li l-imghallem taghha ma kienx irid nies fejnhom fil-hanut. L-attrici giet bit-tifel fil-pushchair u waqfet quddiem il-counter tal-hanut. Hin minnhom l-attrici talbitha biex tidhol fuq in-naha ta' gewwa tal-hanut. Hi qaltilha li l-imghallem ma jiehux gost b'dawn l-affarijiet izda l-attrici baqghet tinsisti biex tidhol biex tkun tista' toqghod bilqeghda u ma thallix it-tifel fix-xemx. Biex l-attrici tkun tista' tidhol kien hemm bzonn li d-display warmer jistressaq daqxejn sabiex tghaddi bil-pushchair ghax ma kienx hemm wiesa' bizzejjed biex tghaddi pushchair. Kien hemm spazju kemm tghaddi persuna. Zerafa cahdet li dak il-hin hi kienet qed tkellem xi persuna. Hi harget in-naha ta' barra biex tnehhi l-brakes tar-roti tal-counter u bdiet tressqu lejn in-naha tal-lemin sabiex l-attrici tkun tista' tghaddi min-naha tax-xellug. Waqt li kienet qed taghmel dana hasset li r-rota ta' quddiem imxiet il-quddiem u qabzet ix-xifer tat-targa, u hasset il-counter jeghleb bil-mod il-quddiem ghal fuqha. Dak il-hin qabdet ix-xifer tal-counter u bdiet tipprova tibbilancjah u timbuttah sabiex terga ttellghu t-targa. Ghalkemm kwazi rnexxilha, xorta hassietu tqil biex ittellghu f'postu u bdiet tghajjat ma' l-attrici biex twarrab. Irnexxilha ttella l-counter lura f'postu izda l-counter darilha minn naha tal-lemin u nizel fuq it-targa. Billi l-counter gie zbilancjat nizlet ir-rota l-ohra wkoll b'hekk gie biz-zewg roti ta' quddiem il-barra mill-bankina u r-roti ta' wara ghadhom fuq it-targa u l-piz tal-counter gie kollu fuqha. Halliet il-counter jgheleb ghal fuq idejha u kaxkritu kif setghet sakem felhet izda

imbaghad hin minnhom idejha cedew u l-counter waqa ma l-art u mal waqa il-mishun tar. Hi kienet intlaqtet mill-mishun u sofriet xi tbengil fuq idejha tax-xellug minhabba it-tkaxkir tal-counter fuq idha (ara Dok CZ1-2). Tar mishun ukoll fuq it-tifel ta' l-attrici. L-attrici baqghet fejn kienet u ma resqitx il-pushchair ghalkemm kellha chance taghmel hekk. Zerafa ikkonfermat li dak in nhar il-warmer kien fuq il-brakes u kienet nehhiet il-brakes biex tressaq il-warmer biex l-attrici tidhol fil-hanut.

"Charmel Pace, il-persuna li tiggestixxi l-hanut u responsabbili ghalih, xehed li hu ma kienx prezenti meta gara l-incident. Ikkorrobora lill Zerafa li hu qatt ma taha permess biex nies barranin jidhlu fil-hanut. Xehed li l-warmer kien xtrah xi sena qabel u qatt ma kellu ilmenti dwaru. Il-warmer kellu roti u brakes u meta kienu jridu jdahhlu xi xoghol fuq gewwa kienu jnehhu l-brakes u jressquh fil-gemb izda l-warmer dejjem kien bil-brakes meta jkun f'postu.

"Skond ir-rapport tal-pulizija ezibit a fol 47 Zerafa '*stated that Mercieca was talking to her when she moved the warmer to its original position and accidentally one of the wheels slipped on the floor and the warmer overturned spilling some hot water on the child'.* Zerafa ma semmietlu ebda diskors iehor f'dan ir-rapport.

"Illi jirrizulta mill-provi (ara anke x-xhieda ta' Rose Micallef) li dina ma kienitx l-ewwel darba li l-attrici kienet dahlet fil-hanut wara l-counter bil-pushchair bit-tifel b'kollox. Ghalkemm Zerafa xehdet li hija kienet tghid lill-attrici li l-imghallem taghha ma kienx jiehu gost li persuni barranin jidhlu fil-hanut, jidher li Zerafa kienet thalli lill attrici tidhol hemm u ma kienitx izzomha. Ghalhekk jirrizulta wkoll li ma kienitx l-ewwel darba li Zerafa kienet caqilqet il-counter biex l-attrici tidhol fil-hanut bil-pushchair b'kollox. Hi kienet taf bir-riskju li kienet qed tiehu u nonostante dana halliet lill attrici tidhol u caqilqet il-counter billi nehhietlu l-brakes. Fl-okkazzjonijiet l-ohra kollox mar sew izda dina darba sfortunatament gara dak li gara, u l-konvenuta ghalhekk ma tistax tahrab mir-responsabilita` taghha ghan-nuqqas '*to take care'*. Ma jidhirx li l-konvenuta hasset il-bzonn li

titlob l-assistenza biex iccaqlaq il-counter billi kienet konfidenti li wahedha setghet timmanuvra.

“Min-naha l-ohra lanqas l-attrici ma tista tghid li hi ma kellha ebda htija. Jidher li l-attrici f’xi okkazzjonijiet ohra precedenti kienet dahlet fil-hanut hdejn il-habiba taghha, il-konvenuta, bil-pushchair b’kollox u kienet taf li biex tidhol fil-hanut bil-puschair il-counter kellu jiccaqqlaq. L-attrici setghet tissoponi li biex tidhol bil-pushchair u t-tarbija f’dak l-ispazju ristrett, fejn bil-kemm kien hemm minn fejn tidhol persuna, u bl-apparat kollu li kien hemm ghal preparazzjoni u bejgh tal-pastizzi u pizez, kien hemm riskju li hi bhala persuna prudenti messha evitat. Inoltre jidher li meta l-konvenuta sabet ruhha fid-diffikolta l-attrici baqghet hemm u ma warbitx bil-konsegwenza li binha gie milqut mill-mishun li ttajjar meta waqa’ l-counter.

“Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li t-tort ghall incident kien tat-tnejn indaqs.

“Kwantu ghall-konvenut Charmel Pace l-Qorti tikkonkludi li dan ma kien bl-ebda mod responsabbili ghal dak li gara. Ma jirrizultax li l-counter kien fih xi difetti jew li ma kienx safe biex jintuza. Il-counter kellu brakes u l-counter iccaqlaq biss biex l-attrici tidhol fil-hanut. Hu kien kontra li persuni barranin jidhlu gol-hanut.

“Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi tiddikjara u tiddeciedi li l-attrici u l-konvenuta Zerafa kienu t-tnejn responsabbli ndaqs ghall-incident fuq imsemmi.Tillibera lill konvenut Charmel Pace mill-osservanza tal-gudizzju billi ma kellu ebda responsabilita` fl-incident.”

## <u>L-appell tal-attrici</u>

**4.** Wara li ottjeniet id-debitu permess (ara fol. 121), l-attrici appellat minn din is-sentenza. L-aggravji tal-appellanti huma bazikament tnejn (ghalkemm skematikament hija telenka tlieta – pero` l-ewwel u t-tielet aggravju huma sostanzjalment l-istess, cioe` kwistjoni ta’ apprezzament tal-provi). Aggravju minnhom hu essenzjalment fis-sens li

l-ewwel Qorti ghamlet valutazzjoni zbaljata tal-provi li kellha quddiemha u dan principalment ghax ma kienx minnu li hija (l-attrici) riedet tidhol fil-hanut, mentri kienet Zerafa li stednitha taghmel hekk; kif ukoll ghax il-fatt li l-*counter* kien jiccaqlaq u bir-roti kien indikazzjoni cara li ma kienx prudenti li jitqieghed "fuqu" il-*warmer* u li ghalhekk kien dan in-nuqqas ta' attenzjoni da parti ta' Zerafa u/jew Pace li kien l-unika kawza ta' l-incident li fih wegga' Lenyx. Fit-tieni lok l-appellanti tikkontendi li Charmel Pace naqas milli jissorvelja kif suppost lil Zerafa, u fi kwalunkwe kaz huwa kellu jigi ritenut responsabbli a bazi tal-Artikolu 1642 tal-Kodici Civili.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta din il-Qorti</u>**

**5.** Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-provi kollha – ghall-mument limitatament ghall-kwistjoni tar-responsabbilta` ghall-akkadut – u frankament ma tara ebda raguni ghala ghandha tiddisturba l-konkluzjoni milhuqa mill-ewwel Qorti. Kif inhu risaput, in tema ta' apprezzament ta' provi din il-Qorti ma tiddisturbax leggerment l-apprezzament maghmul mill-Qorti ta' l-ewwel grad u l-konkluzjoni milhuqa a bazi ta' dak l-apprezzament, hlief jekk dak l-apprezzament u/jew dik il-konkluzjoni jkunu manifestament zbaljati b'tali mod li jekk ma jigux mibdula tinholoq ingustizzja.

**6.** Jibda biex jinghad li, kuntrarjament ghall-impressjoni moghtija fir-rikors ta' appell, il-*warmer* ma kienx xi haga estranja ghall-*counter* izda kien parti integrali minnu. Dan qablu fuqu anke l-partijiet fl-udjenza tal-20 ta' Novembru 2006 quddiem din il-Qorti (ara l-verbal relattiv). Ma kienx, ghalhekk, il-kaz li fuq xi haga nstabbli – ghax bir-roti – tqieghed kontenitur bil-mishun. Anqas ma tirrizulta xi negligenza da parti tal-konvenut Charmel Pace – Zerafa kienet ilha sentejn tahdem *part-time* bhala *salesgirl* f'dan il-hanut, u din il-Qorti difficilment tista' timmagina x'tip ta' sorveljanza l-attrici qed tippretendi li huwa kellu, fic-cirkostanzi, jaghmel. Kwantu ghall-kwistjoni ta' jekk hux minnu jew le li Mercieca riedet tidhol fil-hanut wara l-*counter* – b'mod ghalhekk li kien hemm bzonn li jiccaqlaq dan il-*counter* biex hija tghaddi bil-*pushchair* – din il-Qorti

tosserva li l-ewwel Qorti kellha l-opportunita` li tisma' kemm lill-attrici kif ukoll lill-konvenuta jiddeponu *viva voce* quddiemha, u ghalhekk kienet f'posizzjoni ferm ahjar minn din il-Qorti biex tapprezza min kien qieghed jiddeponi bl-aktar mod korrett. Fi kwalunkwe kaz, anke li kieku kien minnu li Mercieca ma rieditx tidhol gewwa l-hanut, il-fatt li meta rat lil Zerafa f'diffikulta` ma haditx passi biex tersaq ftit il-boghod meta messha kienet taf – ghax kienet tkun regolarment f'dak il-hanut bit-tarbija – li l-*counter* kellu fih il-mishun jindika nuqqas ta' attenzjoni u prudenza da parti ta' l-imsemmija Mercieca. Fl-ahharnett, l-Artikolu 1642 tal-Kap. 16, invokat mill-appellanti, ma ghandu x'jaqsam xejn ghall-kaz in dizamina – f'dan il-kaz ma hemm ebda appalt. L-appell kollu jirrazenta l-fieragh!

**<u>Decide</u>**

**7.** Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez ta' dana l-appell jithallsu mill-appellanti. Il-Qorti tordna li l-atti jigu rimessi lura lill-ewwel Qorti ghall-kontinwazzjoni tas-smigh tal-kawza u ghad-decizjoni skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------